# P7_TA-PROV(2014)0108

## Id-dritt għall-edukazzjoni fir-reġjun tat-Transnistrija

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2014 dwar it-Transnistrija (2014/2552(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Moldova u l-Unjoni Ewropea, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għar-Repubblika tal-Moldova adottat mis-seba' Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Moldova li ltaqa' fit-22 ta' Frar 2005,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ffirmat mill-UE u l-Moldova fid-29 ta' Novembru 2013 fl-okkażjoni tas-Summit dwar is-Sħubija tal-Lvant f'Vilnius,

– wara li kkunsidra s-sentenza tal-Awla Manja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-19 ta' Ottubru 2012 dwar il-kawża ta' Catan u 27 Oħrajn vs. Il-Moldova u r-Russja (Nru 43370/04),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) fis-summit tal-1999 f'Istanbul u l-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tagħha f'Porto fl-2002,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, partikolarment dik tal-15 ta' Settembru 2011 dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni[1], u r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar is-sitwazzjoni fir-reġjun tat-Transnistrija,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-Pressjoni mir-Russja fuq il-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnius)[2] u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar l-eżitu tas-summit ta' Vilnjus u l-futur tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fir-rigward tal-Ukraina[3],–
Wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Moldova tal-5 ta' Diċembru 2013 li l-lingwa uffiċjali tal-pajjiż hija r-Rumen, u l-fatt li l-edukazzjoni bir-Rumen għadha ristretta mill-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni Parlamentari UE-Moldova, b'mod partikolari dawk dwar id-dritt għall-edukazzjoni fir-reġjun tat-Transnistrija,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-gwerra tal-1992 fir-reġjun tat-Transnistrija tar-Repubblika tal-Moldova wasslet għat-twaqqif ta' reġim separatista, illeġittimu u awtoritarju f'dan ir-reġjun; billi s-sitwazzjoni ta' kunflitt iffriżat għadha għaddejja, u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem għadu

[1] ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 108.
[2] Testi adottati, P7_TA(2013)0383.
[3] Testi adottati, P7_TA(2013)0595.

kbir u mifrux, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u fit-tħaddim tal-iskejjel;

B. billi kwalunkwe interferenza politika fil-proċess edukattiv hija inaċċettabbli: billi l-partijiet involuti fis-sejba ta' soluzzjoni għall-kwistjoni tat-Transnistrija għandhom jiżguraw aċċess liberu u mhux diskriminatorju għall-edukazzjoni fir-reġjun u t-tħaddim regolari tal-istituzzjonijiet edukattivi, u għandhom jagħtu l-ogħla prijorità lis-sigurtà tat-tfal u tal-persunal;

C. billi l-awtoritajiet lokali fil-Gagauzia organizzaw referendum reġjonali fit-2 ta' Frar 2014 dwar id-direzzjoni tal-politika barranija fil-pajjiż; billi dan ir-referendum ġie ddikjarat illegali mill-gvern ċentrali u mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti;

D. billi n-negozjati dwar it-Transnistrija ilhom għaddejjin mill-1992, fil-format hekk imsejjaħ '5+2', iżda ma nstabet l-ebda soluzzjoni sostenibbli bbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-integrità territorjali u s-sovranità tar-Repubblika tal-Moldova, minkejja d-deċiżjonijiet internazzjonali ripetuti msemmija hawn fuq; billi t-truppi Russi għadhom stazzjonati hemmhekk;

E. billi n-negozjati 5+2 issoktaw fl-2011 u, minn dak iż-żmien, tlaqqa' l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni;

F. billi t-tensjonijiet baqgħu jikbru, hekk kif in-negozjati huma kostantement mhedda mill-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija; billi ntlaħaq ftehim proviżorju li jseħħ rawnd ġdid ta' negozjati 5+2 fis-27 u t-28 ta' Frar 2014, u dan jikkostitwixxi opportunità ġdida biex tiġi żblukkata s-sitwazzjoni u biex isir progress sostanzjali;

G. billi skont ir-rapport tal-OSCE ta' Novembru 2012, hemm tmien skejjel li jgħallmu bl-alfabet Latin li għadhom jistgħu joperaw bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, fosthom sitta fit-territorju kkontrollat tat-Transnistrija, u tnejn rilokati fit-territorju viċin, ikkontrollat mill-Moldova, max-xatt tal-Punent tax-xmara, u dan jirriżulta fi problemi serji ta' kuljum għall-istudenti b'rabta mat-trasport; Billi r-rapport jenfasizza li s-sitwazzjoni ta' dawn l-iskejjel għadha urġenti, u hemm kwistjonijiet ta' tħassib b'rabta mal-kuntratti tal-kiri u l-kundizzjonijiet tal-bini, il-libertà tal-moviment, it-trasport tal-oġġetti, is-saħħa, is-sigurtà u l-ispezzjonijiet sanitarji, it-tnaqqis fl-għadd ta' studenti, il-pressjoni jew l-intimidazzjoni tal-ġenituri u l-għalliema, l-istejtus legali u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-proprjetà f'Rîbnița u l-iskejjel li qabel kienu jinsabu fi Grigoriopol u Dubăsari;

H. billi f'Diċembru 2013, l-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija ssoktaw b'kampanja aggressiva kontra t-tmien skejjel bir-Rumen, b'azzjonijiet li jvarjaw minn pressjonijiet amministrattivi għal dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet awtoproklamati fejn indikaw li kienu se jagħlqu l-iskejjel li jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-awtorità tar-reġim separatista;

I. billi bosta mill-għalliema fl-iskola superjuri Lucian Blaga f'Tiraspol ġew soġġetti għal interrogazzjoni illegali mill-milizja separatista, u għal pressjoni biex iħallsu t-taxxi tagħhom lill-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija u mhux lill-Istat tal-Moldova; billi l-kontijiet tal-bank tal-iskola ġew imblukkati illegalment għal bosta ġimgħat f'Jannar 2014 mill-awtoritajiet awtoproklamati; billi fil-5 ta' Frar 2014 is-surmast, l-accountant u s-sewwieq tal-iskola għolja "Lucian Blaga" ġew detenuti waqt li kienu qed jittrasportaw is-salarji tal-persunal tal-iskola għolja ;

J. billi l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni li seħħet f'Chișinău fis-27 ta' Jannar 2014 ma rnexxielhiex tindirizza b'suċċess il-kwistjonijiet pendenti fir-rigward tal-iskejjel bir-Rumen; billi ntlaħaq ftehim proviżorju biex jitwettqu żjarat ta' spezzjoni konġunti f'dawk l-iskejjel;

K. billi l-Missjoni OSCE fil-Moldova ilha timmonitorja t-tħaddim tal-iskejjel bir-Rumen sa mill-kriżi tal-2004, meta l-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija ħadu azzjoni kontra tmien skejjel fir-reġjun li huma operati mill-awtoritajiet ċentrali tal-Moldova u jsegwu kurrikulu Moldovan; billi l-OSCE taġixxi ta' medjatur bejn l-awtoritajiet tal-edukazzjoni ċentrali u dawk tat-Transnistrija biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti u jitwaqqaf il-ħolqien ta' kriżijiet ġodda; billi l-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija kienu qed jillimitaw l-aċċess għall-missjoni tal-OSCE u pprojbixxu l-aċċess għall-kap tal-missjoni mill-1 ta' Frar 2014;

L. billi s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-19 ta' Ottubru 2012 fil-kawża Catan u Oħrajn vs. Il-Moldova u r-Russja semmiet ksur min-naħa tal-Federazzjoni Russa tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

M. billi r-Repubblika tal-Moldova għamlet progress kbir lejn it-titjib tar-relazzjonijiet tagħha mal-UE, u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jikkostitwixxi opportunità għall-pajjiż kollu, inklużi r-reġjuni tat-Transnistrija u l-Gagauzia, biex tissaħħaħ ir-relazzjoni tiegħu mal-UE u jadotta valuri u standards Ewropej filwaqt li jittejbu l-prospetti ekonomiċi;

N. billi l-edukazzjoni hija qasam fejn hemm potenzjal kbir għal kooperazzjoni futura, minkejja l-elementi sensittivi involuti;

1. Jiddeplora bis-saħħa n-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun tat-Transnistrija, partikolarment fil-qasam tal-edukazzjoni;

2. Jikkundanna l-politiċizzazzjoni tal-politika dwar l-edukazzjoni, iqis il-libertà tal-edukazzjoni bħala dritt fundamentali u jitlob li dan id-dritt jiġi rispettat bis-sħiħ u li tieqaf kull forma ta' pressjoni fuq l-istituzzjonijiet ta' tagħlim bir-Rumen fir-reġjun tat-Transnistrija;

3. Jiddispjaċih li l-persistenza ta' dawn il-problemi kkontribwixxiet b'mod sinifikanti għall-fatt li hemm dejjem inqas studenti fl-iskejjel li jgħallmu bir-Rumen; jikkritika bis-saħħa l-fatt li dawk l-iskejjel iħallsu rati ogħla tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma fit-Transnistrija minn istituzzjonijiet edukattivi oħra, u li s-sitwazzjoni ambigwa tal-bini u l-kuntratti tal-kiri tħalli kemm lill-iskejjel kif ukoll lill-istudenti f'qagħda inċerta;

4. Jikkundanna ż-żieda fil-pressjoni amministrattiva li qed isseħħ min-naħa tal-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija, b'mod partikolari ż-żieda tal-kirjiet, l-abolizzjoni ta' kuntratti mingħajr ħlas tal-kiri (li taffettwa lill-*Gymnasiums* f'Corjova u f'Roghi), restrizzjonijiet fuq l-użu tal-kontijiet tal-bank u fastidju lill-għalliema (skola superjuri Lucian Blaga, Jannar 2014); li laħqu l-qofol tagħhom bid-detenzjoni tas-surmast, l-accountant u s-sewwieq tal-iskola għolja fil-5 ta' Frar 2014;

5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija biex jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt fundamentali għal edukazzjoni fil-lingwa materna, u biex jagħtu l-ogħla prijorità lis-sigurtà tat-tfal u tal-persunal;

6. Jitlob lill-awtoritajiet biex jiżguraw li t-tfal u l-ġenituri jkunu protetti mill-konsegwenzi negattivi tas-sitwazzjoni politika attwali u biex jinstabu soluzzjonijiet fl-aqwa interessi tat-tfal u tal-ġenituri direttament ikkonċernati;

7. Jieħu nota tal-ftehim dwar it-twettiq ta' żjarat ta' spezzjoni konġunti fl-iskejjel li jgħallmu bir-Rumen tul il-perjodu mill-10 sal-20 ta' Marzu 2013;

8. Jikkundanna n-nuqqas ta' parteċipazzjoni kostruttiva min-naħa tal-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija fin-negozjati 5+2, li rriżulta fi progress minimu sa minn meta reġgħu nbdew id-diskussjonijiet;

9. Jenfasizza l-impenn qawwi min-naħa tal-UE favur l-integrità territorjali tal-Moldova, u jitlob li jkun hemm involviment ikbar tal-Unjoni Ewropea għas-soluzzjoni ta' dan il-kunflitt fil-viċinanzi immedjati tiegħu, inkluż it-tisħiħ tal-istejtus tal-UE bħala sieħba fin-negozjati; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal djalogu, bħala l-uniku mezz għas-sejba ta' soluzzjoni għal kwistjonijiet sensittivi u importanti bħal dawn u biex jiġu żgurati soluzzjonijiet fuq żmien twil;

10. Jemmen li l-prosperità u l-istabilità tar-Repubblika tal-Moldova, fi ħdan il-fruntieri internazzjonalment rikonoxxuti tagħha, u tar-reġjun kollu, jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' soluzzjoni paċifika għall-kunflitt tat-Transnistrija;

11. Jitlob lill-OSCE tibqa' twettaq monitoraġġ u attivitajiet ta' faċilitazzjoni tan-negozjati, u tiddefendi d-dritt tal-istudenti għall-edukazzjoni fl-iskejjel li jgħallmu bir-Rumen fit-Transnistrija; jitlob ukoll biex l-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija jikkooperaw mal-missjoni tal-OSCE fil-Moldova u jippermettu li din taċċedi għat-territorju tat-Transnistrija;

12. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex tindirizza l-kwistjoni tad-dritt għal edukazzjoni matul ir-rawnd li jmiss ta' negozjati 5+2, skedata għal Frar 2014, biex tagħti iktar attenzjoni lin-negozjati f'format 5+2, u biex, f'kull livell, inkluż fis-summits bilaterali, taħdem mal-partijiet kollha sabiex tinstab malajr soluzzjoni komprensiva u paċifika għall-kunflitt fit-Transnistrija;

13. Jitlob lill-Federazzjoni Russa timplimenta bis-sħiħ is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ddikjarat li r-Russja kienet wettqet ksur tad-dritt għall-edukazzjoni fil-każijiet tal-iskejjel Moldovani li jgħallmu bir-Rumen fir-reġjun tat-Transnistrija;

14. Jinnota li l-preżenza tat-truppi Russi twassal għal klima li tipperikola r-rispett għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun; barra minn hekk jistieden lill-gvern tal-Federazzjoni Russa biex iwettaq l-obbligi li saru fl-1996 fil-Kunsill tal-Ewropa u li huma riflessi fid-deċiżjoni tas-Summit tal-OSCE (Istanbul, 1999 u Porto, 2002) dwar it-tluq tat-truppi u l-armi Russi mit-territorju tal-Moldova;

15. Jitlob li l-awtoritajiet lokali jeżerċitaw trażżin, inkluż dawk fil-Gagauzia, kif ukoll biex jirrispettaw bis-sħiħ il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Moldova, inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi; Iħeġġeġ djalogu mal-awtoritajiet ċentrali Moldovani sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet unilaterali;

16. Jitlob lill-Kunsill u lill-Istati Membri jadottaw proċedura mgħaġġla li twassal għall-

adozzjoni ta' liberalizzazzjoni tal-viżi mal-Moldova matul is-sajf li ġej, billi dan ikollu impatt pożittiv fuq iċ-ċittadini kollha, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni;

17. Jitlob lill-Kummissjoni tgħaġġel il-proċedura tekniċi li jwasslu għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż il-Ftehim dwar iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva;

18. Jemmen li l-progress soċjali, titjib fid-drittijiet tal-bniedem u modernizzazzjoni ekonomika fit-Transnistrija jissaħħu wkoll permezz tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, inkluż tad-DCFTA, min-naħa tal-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija;

19. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni tagħmel użu minn strumenti bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, biex tappoġġa b'mod dirett lill-popolazzjoni tat-Transnistrija, tiżviluppa programmi ta' appoġġ lis-soċjetà ċivili, l-aċċess għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-midja ħielsa, aċċessi li ġew rifjutati mill-awtoritajiet awtoproklamati tat-Transnistrija;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u s-Sigurtà, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Moldova, lill-Gvern tar-Rumanija, lill-Gvern tal-Ukraina, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern tal-Istati Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-OSCE u lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.